**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**
**Anna Manicolo, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 15071M**

***Każ Nru. 2295/24***

Illum, 26 ta' Ġunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata **Anna Manicolo** u ċioe talli:

> Nhar il-25.03.2018 ghal ħabta ta' bejn 02.00hrs u 03.00hrs ġewwa Playground, Triq Dragonara, San Ġiljan:
>
> 1) Attakkat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li din kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mgħotija skont il-Liġi mill-Awtorità kompetenti;
> 2) U aktar talli nġurjat jew heddet bi kliem, jew għamlet offiża fuq WPC 368, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienet tagħmel jew minħabba li tkun għamlet dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħha jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-24 t'April, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Mill-**Current Incident Report** jirriżulta li WPC368 Shannon Lori kienet għamlet rapport sar mas-**Surgent 156 Ivan Attard** nhar l-14 t'April, 2018 fil-18:30hrs fuq akkadut li kien seħħ xejn anqas minn għoxrin (20) jum qabel. Il-kuntistabbli stqarret li waqt li kienet fl-istabbiliment Playground, l-imputata tilfitha minn xogħolha u ħebbet għaliha. Wara li kienet għamlet diversi arresti w tfittxijiet f'dak l-istabbiliment, kif reġgħet daħħlet biex tissokta bit-tfittxijiet u waqfet tosserva dak li kien qed isir minn kollegi tagħha l-imputata avviċinata w staqsieha kienitx pulizija w din weġbita fl-affermattiv. Ghal din il-konferma l-imputata telqet tiġri u qajjmet suspett mhux lil kuntistabbli 368 biss iżda anke lil PC1494. WPC368 ġriet għall-warajha u l-imputata bdiet tagħtiha ġo rasha bil-ponn u tiġbdilha xagħarha. Raġel li rriżulta bin Manicolo wkoll ħebb għalihom.

PC760 iddikjara mas-Surgent Attard li waqt li kien qed jinforma persuna li kienet għada kemm ġiet arrestata bid-drittijiet tagħha, semgħa storbju w għajjat ġej min warajħ u kif dar ra lil WPC368 u PC1494 jippruvaw jikkalmaw mara li kienet qed tgħajjat ma WPC368 u tgħid *"Allura inthom hekk biex twaqqfu n-nies, ha għamilli tfittxija"* u l-uffiċjali msemmija bdew jagħmlu tfittxija. Iżid *"Preżenti ħdejha kien hemm ġuvni"*. Kif it-tfittxija tlestiet, din ġiet rilaxxata u daħħlet lura fl-istabbiliment mal-ġuvni. Ftit tal-ħin wara il-mara marret għal fuqu w talbitu ghan0numru tal-pulizija mara li kienet għamlitilha t-tfittxija u hu tahulha. Il-mara kompliet tilmenta li *" 'Inthom hekk biex tagħmlu tfittxija...issa nurikhom jiena,....weġbitni li hi l-mara ta' Stacey Chircop....inthom awn ġejtu tfittxu'"*. Reġgħet staqsiet għan-numru ta' WPC368 u ra tiktbu fuq il-mobile. Il-mara ilmentat li kellha uġigħ f'sidirha u tenniet *li "nqeda jiena meta ma tkunx xogħol nuriha jien"*. Din il-mara semagħha ċċempel u tgħid li xtaqet tagħmel rapport u ftit tal-ħin wara wasslu pulizija mill-Għassa ta' San Ġiljan li bdew jitkellmu magħha. X'ħin kellmithom qaltlu *"Lil Ministru nirrapurtakhom love żgur Alla"*.
PC1494 rrilaxxa stqarrija u spjega kif meta kien ħdejn WPC368 resqet mara fuqhom u staqsiethom kienux CID u kif WPC368 weġbita fil-pożittiv, din telqet tiġri lejn il-bar. WPC368 telqet tiġri warajha u hu mar ukoll biex ma

jħallix lill-kollega waħedha. *"Kif dhalt hdejn il-bar jiena rajt lil WPC368 rasha baxxuta u qed tinġibed minn xagħarha, fl-istess waqt kien hemm persuna maskili li wara rriżulta li kien it-tifel ta Anna Manicolo li kien qieghed jaggredixxi lil WPC368 wkoll u fil-pront nfurmajtu li ahna pulizija u dan mill-ewwel gholla idejh u ġibed lura u beda jgħid u jghajjat lil ommu Anna Manicolo sabiex tieqaf...ieqaf ma ieqaf".* Wara li saret tfittxija fuq Manicolo li rriżultat fin-negattiv, din skużat ruħha w daħħlet lura fl-istabbiliment. Ftit wara reġgħet ħarġet u b'tonn għoli bdiet tgħid li WPC368 ġibditha minn xagħarha u li kienet ghħada kemm għamlet sidirha u li weġġgħet mill-kuntistabbli għaliex kellha l-punti. Binha beda jgħid lill-pulizija biex ma jagħtux kasha u beda jiġbidha l-ġewwa biex tikkalma. Wara li kienet daħħlet ġewwa reġgħet ħarġet bil-mobile ma widnejha u staqsiet għan-numri tal-uffiċjali għaliex kienet ċemplet lid-Depot. Infurmathom li kienu ser jaslu l-pulizija tad-distrett.

PC1295 Dylan Abela u PC118 Emman Joe Borg stqarrew kif raw lil Anna Manicolo tistaqsi fejn kienet dik il-kera ħalli ċċempel lil Ministru w semagħha tgħid li ser tpattihielha. PS891 Oscar Baldacchino kien fl-istabbiliment jieħu l-*particulars* ta' persuna li kien arresta. Ikkonferma li Anna Manicolo allegat li ġiet msawwta mill-pulizija w ċemplet id-depot u wara wasslu l-pulizija tad-distrett.

PS156 ikompli r-rapport billi jsemmi kif Manicolo rrapportat l-għassa ta' San Ġiljan u stqarret li riedet tieħu passi fil-konfront ta' WPC368 għaliex kienet ġibditilha xagħarha u kellha sidirha juġagħha. L-pulizija mill-Għassa tad-Distrett ingħataw struzzjonijiet sabiex Manicolo tintbagħat l-*internal affairs* biex tagħmel rapport fil-konfront tal-pulizija. Aktar tard waslu l-għassa pulizija mit-taqsima ta' kontra d-droga biex jitkellmu ma Manicolo.

**WPC368 Shannon Azzopardi** tixhed li waqt xogħol fl-istabbiliment Playground, għall-ħabta tas-2am-3am il-kollegi tagħha kienu qed jagħmlu spezzjonijiet fit-toilet qrib l-entratura u hi kienet ħdejn il-bieb tistennihom. Hemm ġiet mara fuqha u staqsietha *"inthom CID?".* Meta weġbita fil-pożittiv din il-mara telqet tiġri u hi telqet tiġri warajha waqt li bdiet tgħidilha *"pulizija, pulizija ieqaf".* PC1494 ukoll ġera warajha. *"X'hin aħna qbadniha din bdiet tigbidni minn xaghri u ttini ġo rasi. Bdiet tiġbidni u ttini ġo rasi".* Hi baqgħet tgħidilha li hi pulizija, u wara ġie raġel ieħor li beda jtiha fuq rasha wkoll iżda kif sema li kienet pulizija waqaf u beda jgħid "ma ieqaf, ma ieqaf". Saret tfittxija fuqha li rriżultat fin-negattiv u l-mara telqet il-ġewwa. Wara ftit reġgħet ħarġet barra u l-raġel beda jiġbidha l-ġewwa u jgħidilha biex tidħol. Il-mara ħarġet u resqet lejha w talbitha n-numru tas-servizz tagħha u hi tagħtulha. Tixhed li meta bdiet taqla id-daqqiet hi għamlet ħilitha biex tirreżisti.

Riprodotta in kontro-eżami ttenni dak li stqarret snin qabel f'dawn il-proċeduri: *"Iva, ha nghidlek, meta sqsitni hi humiex CID u jien ghidtilha iva hi telqet tigri. Dak il-hin hi qajmiltli suspett, hi dahlet fid-disco fejn hemm id-DJ u xhin qbadtha minn idejha jien in the meantime bdejt nghidilah Pulizija, Pulizija biex tieqaf u baqghet ma waqfitx. Xhin qbadtha minn idjejha jiena biex tieqaf qabdet itini go rasi, tigbdili xaghri u dak il-hin gie t-tifel tagħha.... Dak il-hin gie t-tifel taghha ukoll u t-tifel taghha xhin jien komlejt nghid li jien Pulizija dak ir-ragel lilha qallha ieqaf Ma."*.

**PC1494 Andre Grech** jixhed kif kien mal-kollega WPC368 waqt li żewġ kollegi oħra kienu qed jagħmlu tfittxijiet fl-istabbiliment Playground. Mara avviċinathom u staqsiethom kienux CID u kif ikkonfermawlha telqet tiġri fid-direzzjoni tal-bar. WPC368 marret tiġri warajha u hu segwiha. *"Kif dħalna n-naħa ta' ġewwa sibt lil WPC368 rasha baxxuta u qed tinġibed minn xagħarha minn Anna Manicolo u kien hemm persuna li rriżulta kien binha, li kien pront ġibdu minn fuq il-kuntistabbli."* Grech jgħid li ġibed lil dan ir-raġel u għamlu mal-ħajt u malli qallu li kienu pulizija dan għolla idejh u beda jgħid l-ommu tieqaf. Dak il-ħin ġibed lil WPC 368 u ħarġu lil Manicolo barra l-istabbiliment fejn urewha l-*id cards* li huma pulizija filwaqt li saret tfittxija fuqha li tat riżultat fin-negattiv.

WPC368 bdiet tilmenta li WPC368 bdiet tiġbidha minn xagħarha u li kien qed juġagħha sidirha minħabba li kellha l-punti wara *cosmetic surgery* u s-sitwazzjoni reġgħet bdiet teskala. Reġa' ħareġ binha li beda jgħidilhom ma jagħtux kasha u beda jipprova jikkalma l-ommu li daħlet lura iżda wara ftit reġgħet ħarġet bil-mobile f'idha u qaltlu jkellem lil min fuq il-linja li qalet kienu pulizija. Għamlet il-mobile fuq *speaker* u kkonferma li kienet qed titkellem mal-*Control Room*. Wara wasslu fuq il-post pulizija mid-distrett ta' San Ġiljan. Jgħid li d-data kienet l-24 ta' Marzu fis-2am.

In kontro-eżami jinsisti li sab lil WPC368 ħdejn id-*dance floor "rasha baxxuta u taqla' d-daqqiet"*. Il-kuntistabbli iżid li kien ilu jara lil Manicolo tosserva l-pulizija li kienu qed jagħmlu tfittxijiet, imma peress li ma kien hemm ebda suspett dwarha ma avviċinahiex.

L-imputata **Anna Manicolo** ħadet il-pedana tax-xiehda u tgħid li tant kienet tiffrekwenta l-istabbiliment Playground *"kont qisni home ghax dejjem kont inkun hemm kull weekend"*. Kien għalhekk li marret tara x'kien qed jagħmel raġel li skond hi kien qed jipprova jqaċċat bieb viċin it-*toilets* u staqsietu x'qed jagħmel. Manicolo tkompli bil-verżjoni tagħha li ma tagħmel l-ebda sens u tibqa mhux korroborata fl-ebda dettal, *"Tohrog wahda jekk tghidli minn hemm, minn hawn, nghidlek ma nafx … L-ewwel ipruvat taqbadni minn hawn, [mil-flokk] tajjret it-tazza tal-plastic bl-ilma u s-sigarett…. Xhin rajt li qabditni minn hawn ghax*

*kien fitted qabditni minn xaghri, jien ma missejtiex, qabditni minn xaghri hekk, jien iddefendejt ruhi ghax jiena kieku qaltli isma jien Pulizija ohrog sa barra jien zgur kont ser naghmel hekk…. Bdiet itini, jiena dhalt f'xaghar xulxin, mhux vera lanqas in-number ma tatni, lanqas kont naf li hi CID.".* Manicolo ttenni li ma kienitx taf li dik il-mara kienet pulizija sakemm dan id-dettal ma ġiex mgħarraf lilha minn binha. L-imputata zzid, *"Imbaghad hargitni barra, sadanitant wasalan hdejn it-tarf tad-disco, minn got-toilet ghal go disco mhux fejn kien hemm id-DJ ghax kien hemm il-boghod ghad-DJ u jaraha t-tifel tieghi, dak haseb li giex nisa qbadna naghu f'xulxin. Imbaghad gie wiehed qabdu hekk lit-tifel ghax qed jghidli t-tifel wara qallha halliha ghax dik Pulizija. Sadanitant jien xorta ma kontx ghadni naf li dik Pulizija, hargitni barra jigi iehor jilwieli idejha hekk, imma hekk eh bis-salvagija.".*

Sar <u>konfront</u> bejn l-imputata u Azzopardi:

> *"Xhud: Issa kif hrigt jiena bis-sigarett u t-tazza nara ragel twil li ha jqaccat bieb…. Kif ghidtlu hekk dar-ragel ghidtlu xinti taghmel, harget wahda , tghidliex mit-toilet minn hawn, qaltli ejja hawn int, ghidtilha 'arem int'…… ma nafx minn fejn harget jew mit-toilets, jew mill-genb jew minn hawn….Ma nafx minn fejn harget….qaltli ejja 'l hawn inti. Ghidtilha arhemm, inti min inti, xejn puq puq, iddefendejt ruhi jien.*
>
> *Qorti: Puq, puq puq, xinhu?*
>
> *Xhud: Ma setghatx taqbadni minn hawn ghax kelli fitted kif qed tara issa, imma body suit… Le, le imbaghad qabditni minn xaghri. …. Mort inpejjep sigarett, imbaghad qabditni minn xaghri, le, le, le…. U la tatni number, la haga u lanqas ohra.*
>
> *Kuntistabbli: Meta l-kollegi tieghi kieneu qeghdin jaghmlu search gewwa t-toilets vera t-toileta ma kellhomx bieb ghalhekk jiena kont qeda nistrieh mal-bicca ta' barra fejn it-toilet. Dak il-hin giet Anna Manicolo sqasitni humiex CID dawk in-nies li kieneu qeghdin jaghmlu searches. Jien ghidtilha iva, hi telqet tigri u dak il-hin qajjmiltli suspett li kellha xi haga la CID Drug Squad. …..X'hin jiena konna qeghdin nigru ghal go dan id-disco ergajna jien bdejt nghajjkat Pulizija ieqaf, xhin wasalt maghha qbadtha minn idejha biex tieqaf.*
>
> *Qorti: Minn idejha hawn qed taghmel sinjal on her left arm ….Ma tafx liema wahda, minn idejha*
>
> *Kuntistabbli: Xhin imbaghad waqfet u daret hi qabdet itini go rasi, dak il-hin nahseb it-tifel taghha ra il-kommossjoni ghaddejja u gie jaghtini go rasi ukoll. Xhin jien bdejt nghid Pulizija, Pulizija ieqaf lilha qallha ieqaf Ma."*

Għaldaqstant jirriżulta li anke jekk, għall-grazzja tal-argument fil-bidu tassew l-imputata ma ntebħietx li Azzopardi kienet kuntistabbli, ċertament meta fuq ix-xena kien hemm binha, kif iddesista hu kellha wkoll tiddesisti hi stess. Dan ma għamlitux!

Ikkunsidrati dawn il-provi l-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija **Il-Pulizija vs Daniele Festari u Redeemer Bonnici:**[1]

> Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita' ……
>
> Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet. L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[2] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:-kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt……..
>
> Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument Bonnici kellu raġun iħossu inġustament arrestat, ir-reazzjoni tiegħu ma kellhiex tkun dik deskritta mill-Pulizija li xehdu f'dan il-każ. L-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Pulizija huwa ma rrikorriex għall-metodu legali biex jagħmel ir-rimostranzi tiegħu ċjoe li **jobdi l-ordni leġittimu mogħti mill-pulizija bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-ordni.** Kieku għamel hekk l-effetti ta' dan l-inċident ma kienux ikunu daqshekk gravi kontrih. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza. U jekk kellu raġun, issa spiċċa li poġġa lilu nnifsu fit-tort.
>
> Issa għalhekk f'dan il-każ ta' Redeemer Bonnici l-Qorti tqis li għandu japplika dak li għallem l-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn qal li : -
>
> > Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.
>
> …….

---

[1] Per Onor. Maġistrat Aaron Bugeja; Deċiża 30 ta' Settembru, 2015

[2] **Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze**, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Ġunju 1997.

Il-Qorti terġa ttenni dak mistqarr aktar il-fuq fis-sentenza ġja ċitata ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn l-Imħallef harding qal li : -

> Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Jirriżulta li meta seħħ dan l-inċident u ps 887 ġie mbuttat lura, huwa kien qiegħed fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu kif ukoll jeżerċita setgħa fil-vesti tiegħu ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li l-Pulizija de quo, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ġie attakkat (jew aħjar attakkati – għax kien hemm aġenti tal-pulizija oħra li sofrew konsegwenzi) bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, **fil-waqt** li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi **u** l-attakk jew reżistenza hija sorretta kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Inoltre, fil-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deċiż nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tingħata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti ġiet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-eżekuzzjoni tal-liġi hija meħtieġa. Hekk per eżempju

fil-“**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**”, Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali ta’ diversi Stati Taljani, inkluż dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi għar-reat ta’ “ribellione” li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Malti jidher modallat), jagħti s-segwenti eżempju : -

> 8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **nell’atto stesso ch’egli agisce per l’esecuzione delle leggi e degli ordini dell’autorita’ pubblica e trovasi cosi’ nell’attuale esercizio delle sue funzioni** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg.”* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f’pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirriżulta car li dan ir-reat ta’ “resistenza” – (li huwa jippreferi jsejjaħ minflok “ribellione” u dan fuq it-tagħlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bażi ta’ dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jiġu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pożittiva ta’ kommissjoni li turi “l’antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi” u ċioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem għalhekk antagoniżmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-eżercizzju tiegħu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** ntqal:[3]

> Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta’l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.
>
> Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:
>
> “*Quando l’oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e’ indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l’ingiuria fatta all’esercizio delle funzioni, l’insulto che degrada la loro dignita’; avesse pure quest’ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all’esercizio di esse sussisterebbe sempre*.”
>
> Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.
>
> L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta’ dana ir-reat:
>
> 1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta’ ordni moghtija minn xi awtorita’, ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: “*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of*

[3] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 26 ta’ Mejju 2016

*attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Minn dawn ir-riżultanzi proċesswali jidher li l-fattispecie ta' dan il-każ jinkwadraw wriehom fir-reat kontemplati bl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ fl-ebda ħin l-imputata ma kienet qed tiġi arrestata kif jipprospetta l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

M'hemmx dubbju li WPC368 sfat attakkata filwaqt illi kienet qed tagħmel servizz pubbliku. Minflok Manicolo waqfet u segwiet l-ordni tal-pulizija, issa li kienet ġiet mgħarfa li kienet pulizija, ma kienx ikun hemm ħtieġa li WPC368 tuża l-forza biex twaqqafha milli tkompli taħrabha, multo magis biex tkompli tissara magħha. Fiċ-ċirkostanzi l-forza wżata biex tinżamm Manicolo jidher li kienet minima u proporzjonata.

Iċ-ċirkostanza li tissiġilla l-każ tal-prosekuzzjoni hi li filwaqt li iben Manicolo malli nduna li PC1494 u PC368 kienu uffiċjali tal-Pulizija, iddesista immedjatament u pproċeda biex jrażżan lill-ommu milli tkompli tilletika mal-uffiċjali. Hu fattur rilevantissimu li <u>fl-ebda ħin ma jingħad li kien hemm għalfejn binha jiddefendi lill-ommu</u>, u dan juri li fl-ebda ħin Anna Manicolo ma kienet ġiet attakkata minn PC368 kif tallega fix-xiehda tagħha. Dak li rriżulta jipprova l-kuntrarju w ċioe li **kienet ommu li kienet aggredit lil WPC368 tant li binha stess, beda jagħmel ħiltu biex tiddesisti u titrażżan.**

Għal kull buon fini jingħad li ghalkemm PC1494 jixhed li l-akkadut seħħ *"mit-23 għall-24 ta' Marzu"* aktar kmieni fix-xiehda tiegħu jsemmi li kien fil-24 ta' Marzu, 2018 li kienu qed isiru l-ispezzjonijiet. Dan jorbot kemm mal-loġika li spezzjonijiet fi stabbilimenti jibdew mill-lejl, kif ukoll mil-Current Incident Report li ġie konfermat minn **PS156 Ivan Attard**[4] fejn diversi kienu dawk l-uffiċjali li tahom ittieħdet stqarrija li lkoll qablu li l-ispezzjonijiet fi Playground

[4] Seduta 24.04.2024

nbdew *"għall-ħabta tal-23:00hrs"* tal-24 ta' Marzu, 2018 bl-akkadut iseħħ fis-sigħat bikrin tal-għada 25 ta' Marzu 2018.[5]

**Piena**

Rigward il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjoni li qed instab ħtija dwarha, taċ-ċirkostanzi tal-każ u senjatament tal-fatt li dan hu każ li jirrisali ghal 2018 fejn id-dewmien ċertament ma jistax jiġi attribwit lill-partijiet. Għalhekk il-piena għandha tkun waħda li tavviċina l-minimu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi filwaqt li tillibera lill-imputata mill-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, issibha ħatja tat-tieni imputazzjoni u tikkundannaha għal **xahrejn (2) priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal disa' (9) xhur millum u multa ta' **tmien mitt ewro (€800)** pagabbli fi zmien sitt xhur millum.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**

[5] PC760; PC1295; PC118 u PS891